**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Anthony Bonello**

**Kumpilazzjoni Numru: 564/16**

**Illum, 14 ta’ Mejju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Bonello detentur tal-karta tal-identita` numru 442053M akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Settembru 2014 u fix-xhur u snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew il-Gvern ta’ Malta;

2. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta u/jew tal-Gvern ta’ Malta;

3. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi , ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta’ xi persuna jew entita’ ohra, ghamel uzu hazing minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu,

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta’ Lulju elfejn u sbatax (2017) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:-

- Fl-Artikolu 18, 293, 294 u 310(1)(a) u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikolu 18, 308, 309 u 310(1)(a) u 141 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Fl-Artikoli 18, 127 u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat misapproprjazzjoni mill-imputat ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta fil-perjodu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fix-xhur u s-snin ta' qabel. Illi dawn il-proceduri huma bbazati b'mod specjali fuq l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari fuq l-aggravju applikabbli li jghid hekk:

***293.*** ***Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:***

***Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.***

> ***294.** **Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq ħaga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.***

Illi jrid jinghad qabel xejn illi l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, u dan ghaliex, kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890):-

> ***'Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa–onus probandi incumbit qui osservit'.***

Dan qed jinghad ghaliex dawn il-proceduri kriminali bdew minn rapport mill-Enemalta recentement fuq allegat atti li kienu jirrisalu ghal diversi snin qabel. Illi a kuntrarju ghal dak li qalet id-difiza taghha fit-trattazzjoni, din il-Qorti ma hijiex sejra ssibha difficli sabiex tasal ghall-konkluzjoni fuq dawn il-proceduri ghaliex fejn hu abjad ser tghidlu abjad u fejnu iswed ser tghidlu iswed. Dawn il-proceduri huma msejjsa fuq kongetturi u provi distorti ta' allegatament x'ghamel jew m'ghamilx l-imputat.

Dan qed jinghad ghaliex il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda farka ta' prova kontra l-imputat li ghamel xi att illegali fil-perjodu tal-akkuza. Anzi mill-provi prodotti juru kemm l-imputat kien bniedem li fil-kariga tieghu ta' kap tal-*Human Resources* kien jghozz il-haddiem billi jzomm relazzjonijiet tajba mal-*Unions*

**kollha** li huma t-tarka tal-haddiema, b'mod specjali tal-haddiema tal-Enemalta f'dan il-kaz.

Illi jekk tinghata harsa lill-istqarrija tal-imputat li nghatat b'mod liberu u volontarju u li din tinsab a fol. 247 tal-process (Dok JF7), immedjatament tinduna kemm kien lucidu l-imputat fit-twegibiet tieghu li ghal kollha kellu spjegazzjoni plawzibbli ta' dak li kien nefaq tul iz-zmien fix-xoghol tieghu li allura dan kellu jinduci lill-ufficjal prosekutur ta' dak iz-zmien sabiex jiffoka fejn ezatt kellu jinvestiga u lil min kellu jkellem.

Irrizulta li kif qal l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu illi ma giex mitkellem kull min kien involut bir-rizultat ghalhekk li ma nghatatx l-istampa kollha li mbaghad nghatat mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazjoni sabiex tisma' fl-ewwel lok lic-Chairman attwali tal-Enemalta u cioe' lill-Inginier **Frederick Azzopardi**, appuntat fl-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014), li kkonferma li min-natura tax-xoghol tieghu l-imputat kellu *allowance* ta' hames mitt Ewro (500) u *visa card* sabiex juzaha kif jidhirlu izda relatat max-xoghol tieghu. Huwa jikkonferma li fuq il-*visa* ma kienx hemm procedura bil-miktub kif kellu juzaha. Huwa qal ukoll illi t-*Top Management* kienu juzawha sabiex jixtru kotba, imorru jieklu etc. Azzopardi ma setax jikkonferma pero' jekk dawn il-proceduri nbdewx bil-kwerela jew mill-pulizija.

Illi xehdu wkoll rapprezentanti tal-Union Haddiema Maghqudin (UHM) **Ivan Castillo** u rapprezentant tal-General Workers Union **Jason Deguara** li t-tnejn ikkonfermaw illi l-imputat kien gieli jistidinhom ghal xi ikla sabiex jiddiskutu fuq xoghol jew biex juri l-apprezzament tieghu fuq xi affarijiet bhal perezempju wara xi ftehim bejn il-haddiema u l-Enemalta.

Fil-fatt l-istess Jason Deguara jghid is-segwenti:

> ***"Jien kont niehu hsieb sebgha u ghoxrin kumpannija differenti barra l-Enemalta u kienet prassi normali specjalment meta jigi ffirmat xi ftehim kollettiv li ghalina jkun importanti hafna, huwa normali li l-management jistedinna biex mhux jien biss anke t-tim kollu li nkunu qed naghmlu l-ftehim kollettiv, inkluz nies mill-management, inkunu prezenti biex flimkien niehdu bibita u nieklu xi haga flimkien. Xejn ta' barra minn hawn imma tkun apprezzata hafna."***

Xehdu wkoll impjegati li kienu jahdmu l-Enemalta u cioe' l-ex segretarja tal-imputat **Jacqueline Zammit** li kkonfermat illi l-prassi dak iz-zmien kienet li meta xi kap ta' taqsima bhalma kien l-imputat kien jaghmel xi spiza dan kien jinfurmaha u jforniha bl-ircevuta. Hija qalet ukoll illi qatt ma kien hemm problemi fl-ispejjez li kien jaghmel l-imputat.

Xehed ukoll **Antoine Galea** li kien l-*Executive Head Finance* tal-finanzi fl-Enemalta u jghid illi l-procedura kienet illi wara li l-kapijiet tat-taqsimi kienu jghaddu l-ammonti tal-ispejjez flimkien mal-ircevuti relattivi, dawn kienu jghaddu lil certa Bronia Mercieca, din tipprocesshom u mbaghad tghaddihom lill-ufficcju tal-*accounts* sabiex ovvjament wara jsiru d-debita awditjar. Fuq il-kwistjoni tal-*ATM Withdrawals* allegati fuq l-imputat u mertu ta' dawn il-proceduri, huwa jghid illi vera kien hemm xi *ATM withdrawals* mill-imputat izda li fuqhom dawn ma kienx hemm problemi ghaliex l-imputat kien ta' spjegazzjoni lis-CEO ta' dak iz-zmien Karl Camilleri. Huwa kkonferma wkoll illi qatt ma rriskontra xi problemi mal-ispejjez li kien jaghmel l-imputat.

Xehdet ukoll **Bronia Mercieca** li kienet tipprocessa il-procedura tal-ispejjez tal-kapijiet u fuq l-imputat tghid hekk:

***"Ma kienux jghadduhom lili dirett u jekk fil-fatt kien hemm xi receipt nieqsa kont nghaddiha lil Jacqueline Zammit li kienet il-PA ta' Tony Bonello e u nghidilha "isma ghal fadal din nieqsa" u hi tfittixha u tatteccjaha u min-naha taghna, l-Accounts sta ghalihom li jekk hemm xi query javvicinaw lic-Chief dirett."***

Illi ghalhekk huwa car u ovvju li l-imputat Anthony Bonello qatt ma messu tressaq il-Qorti fuq dawn l-imputazzjonijiet ta' misapproprjazzjoni u dan ghaliex huwa qatt ma kkommetta l-atti kkontemplati fl-akkuza. Dan qed jinghad ghaliex il-prosekuzzjoni (ghalkemm tapprezza l-lejalta' tal-ufficjal prosekutur tul il-proceduri u anke fit-trattazzjoni) ma ppruvatx il-kaz taghha billi ma tefghet l-anqas l-icken dubju fuq il-kolpevolezza tal-istess imputat.

Illi ghall-kompletezza qed issir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizapproprjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li:

***"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo***

***speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet ikkonsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997)** li dawn certament ma gewx ippruvati f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tistax issib htija fuq l-akkuzat Anthony Bonello tal-akkuzi kif dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**